**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 12 ta' Frar, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Carmel Mugliett**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Carmel Mugliett detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 457762M akkuzat talli fid-9 ta' Frar 2016 bejn l-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs) u nofsinhar (12:00hrs) fil-Belt Valletta u/jew f' inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta' gojjellerija minn gewwa 'Pavilion Jewellers', sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta ghad-dannu ta' Raymond Debono, Valerie Debono u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin euro u seba' u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jisraq zewg arloggi tal-idejn wera' dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema valur ma jiskorrix il-mitejn u tlieta u ghoxrin euro u erba' u disghin centezmu (€232.94).

3. U kif ukoll talli kiser l-ordnijiet imposti fuqek mill-Onorabbli Qorti b' Sentenza emanata mill-Qorti li ghada fi stadju operattiv datata 28 ta' Lulju 2014 mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 289, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Frar, 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, izda wkoll il-fatt li huwa recidiv u li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' Ordni ta' Probation.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261, 267, 279(b) u 289 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**